Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke,
Mgarr, MGR 1501, Malta.
Tel : 21 520011 Fax : 21 522252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

# Seduta numru 41. Illum l-Erbgha, 6 ta' Awissu 2008

## MINUTI

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 11 ta' Marzu 2006, ltaqghu fl-Ufficcju Amministrattiv fis-6.30 p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

***Approvazzjoni tal-Minuti***
***Korrispondenza***
***Komunikazzjonijiet***
***Gemellagg mal-Comune di Mathi***
***Gnien Pubbliku fil-Housing Estate***
***Riforma dwar il-Kunsilli Lokali***
***Affarijiet Mixxellanji***

## PREZENTI

Is-Sindku Paul Vella, Il-Vici Sindku Giovanni Gatt,
il-Kunsillier David Battistino u l-Kunsillier Agostino Ebejer

## SKUZATA

Il-Kunsillier Victoria Sammut

Il-Laqgha giet immexxija mis-Sindku.

## MINUTI

### 329.0 Approvazzjoni tal-Minuti

329.1 Wara li saret it-talba, is-Segretarju Ezekuttiv giet mitluba taqra l-Minuti tal-laqgha precedenti.

329.2 Billi ma kienx hemm aktar korrezzjonijiet fuq il-Minuti, dawn gew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

### 330.0 Punti mill-Minuti

331.1 Il-Kunsillier David Battistino nforma li sar abbozz gdid tal-ftehim tal-Mini pitch u l-Principal ta' l-iskola gie delegat jirrevedih biex ikun jista' jigi ffirmat mid-Direttur ta' l-Edukazzjoni u l-Mgarr Football Club. Huwa qal li saret laqgha ohra biex jigi ccarat dan il-ftehim.

331.2 Is-Sindku nforma dwar il-laqgha li thejjiet mill-Kunsill u l-Ispettur tal-Pulizija mas-sidien tal-kiosks li se jarmaw ghall-festa. Il-laqgha kienet titratta dwar il-kundizzjonijiet li ghandhom jimxu maghhom is-sidien tal-kiosks matul il-festa.

331.3 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li Dr. Chris Said irringrazzja 'l Kunsill ta' l-ospitalita biex thejjiet il-laqgha dwar it-tnedija tal-policy tat-twinning.

331.4 Is-Sindku ppropona li jinxtara token għall-partecipanti li jiehdu sehem fil-wirja ta' karozzi Amerikani nhar it-8 ta' Awissu. Il-Kunsill qabel unanimament.

331.5 Il-Kunsill qabel li jimmarka b 'zebgha sewda, z-zebra crossing li ma ghadiex tintuza fi Triq Sir Temi Zammit, peress li l-ADT ma ghamlitx dan ix-xoghol.

**332.0 Korrispondenza**

332.1 Il-Kunsill innota li l-MEPA skedat ic-Chaplains' Department fi Triq Dun Edgar.

332.2 Il-Kunsill qabel li jordna erba' bicycle racks biex jitwahhlu fl-aktar inhawi frekwentati miz-zghazagh.

332.3 Is-Sindku se jattendi l-laqgha tas-Sindki nhar il-5 u s-6 ta' Settembru 2008 fil-Kumpless Monte Cristo Hal Safi.

332.4 Il-Kunsill approva l-istima tal-kumpanija Liquidstudios, biex jaghmel tibdiliet fil-website tal-Kunsill biex tkun konformi ma l-istandards li harget il-MITTS u tammonta ghal €1014.80. Il-website se tinkludi sezzjoni animata bir-ritratti kif ukoll il-mappa tal-lokalita.

332.5 Il-Kunsill hatar lis-Sindku bhala l-persuna risponsabbli mill-l-access ta' l-applikazzjonijiet li se tibghat il-MEPA b'mod elettroniku, li jinkludu partijiet mill-files ta' l-applikazzjonijiet, pjanti u formoli ta' l-applikazzjoni.

332.6 Il-Kunsillier David Battistino nforma li gie avvicinat mis-Sur Antoine Vella, li huwa lest li joffri laqghat ghall-bdiewa b'mod volontarju. Il-Kunsill qabel li dawn il-laqghat jigu offruti fix-xahar ta' Settembru. Il-Kunsillier Battistino se jikkordina dwar dawn il-korsijiet.

**333.0 Komunikazzjonijiet**

333.1 Is-Sindku rrimarka fuq it-traffiku waqt il-Lejla Mgarrija li kien wiehed posittiv bl-ghajnuna tal-koperazzjoni li tat il-pulizija. Waqt id-diskussjoni kien hemm qbil li matul is-sena d-diehla ssir laqgha mal-gwardjani li jkunu se jahdmu waqt il-Lejla Mgarrija biex ikun hemm aktar kordinazzjoni maghhom, filwaqt li jsir pjan ta' mmanigjar tat-traffiku ghar-residenti.

**334.0 Gemellagg mal-Comune di Mathi**

334.1 Il-Kunsillier David Battistino ressaq mozzjoni biex jigi ffirmat il-Gemellagg mal-Comune di Mathi fl-14 ta' Settembru fil-lokalita ta' Mathi fid-dawl ta'
a. Hbiberija kontinwa li nzammet matul dawn l-ahhar hames snin bejn il-membri taz-zewg Kunsilli Lokali,
b. Koperazzjoni biex thejjew progetti ta' skambji bejn iz-zghazagh taz-zewg lokalitajiet,
c. Relazzjonijiet li gew iffurmati bejn intranprendituri taz-zewg lokalitajiet
d. Tishih tal-ftehim ta' koperazzjoni li gie ffirmat fis- 7 ta' Jannar 2006.
e. Zjara li se jkun hemm mis-Sindku ta' Las Parejas Argentina fil-lokalita ta' Mathi fl-eghluq l-ghaxar anniversarju mill-iffirmar tal-Gemellagg f'dan il-pajjiz fl-14 ta' Settembru. Il-Mozzjoni kienet issekondata mis-Sindku Paul Vella.

334.2 Il-Kunsill qabel unanimament mal-mozzjoni u is-Sindku Paul Vella, il-Vici Sindku Giovanni Gatt, il-Kunsillier Victoria Sammut, il-Kunsillier David Battistino u s-Segretarju Ezekuttiv qablu li jghamlu parti mid-delegazzjoni.

334.3 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet l-iskeda ta' spejjez relatati ma dan il-Gemellagg li ammontaw ghal € 2365. Il-Kunsill approva dawn l-ispejjez u hija giet mitluba biex thejji d-dokumenti necessarji u jintbaghtu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ghall-approvazzjoni, fid-dawl tal-Policy dwar it-Twinning.

334.4 Il-Kunsillier David Battistino nforma li delegazzjoni ffurmata minn zewg Assessuri u Kunsillier minn Mathi se jkunu prezenti waqt il-festa tar-rahal biex jithejjew id-diskussjonijiet qabel il-Gemellagg filwaqt li ssir l-istedina Ufficjali. Il-Kunsill iddiskuta u fassal il-programm ghaz-zjara ta' dawn id-delegati.

**335.0 Gnien Pubbliku fil-Housing Estate**

335.1 Is-Sindku nforma li x-xoghol fuq il-Gnien fil-Housing Estate se jibda nhar il-Hamis, 7 ta' Awissu. Huwa kompla li saret laqgha bejnu, is-Sur Mark Anthony mis-Sovrantendenza tal-Wirt Kulturali, is-Sinjorina Kim Muscat, l-Arkeologa assenjata mal-progett u l-kuntrattur, minhabba s-sensittivita ta' dan il-post. F'din il-laqgha kien hemm qbil dwar il-mod kif se jithammel is-sit, bis-supervizjoni ta' l-Arkejologa Kim Muscat.

335.2 Il-Kunsill qabel ma l-istima tas-Sinjorina Kim Muscat ta' € 9.89 kull siegha, ghas-supervizjoni tal-post.

**336.0 Riforma tal-Kunsilli Lokali**

336.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li fid-dawl tad-diskussjonijiet li qed isiru dwar ir-riforma tal-Kunsilli Lokali, ikun opportun li l-Kunsill jaghmel is-suggerimenti tieghu biex jigu pprezentati lill-Onor Dr. Chris Said, waqt laqgha li se ssir apposta dwar dan is-suggett matul ix-xahar id-diehel.

336.2 Il-membri tal-Kunsill ghandhom jghamlu l-proposti taghhom bil-miktub sa nhar il-Gimgha, 15 ta' Awissu.

336.3 Il-Kunsillier Victoria Sammut, il-Kunsillier David Battistino u l-Kunsillier Agostino Ebejer attendew ghal-laqgha mhejjija minn Dr. Chris Said dwar din it-tema fis-6 ta' Awissu, f'Howard Gardens.

**337.0 Affarijiet Mixxellanji**

337.1 Il-Kunsillier Agostino Ebejer gibed l-attenzjoni dwar il-bzonn ta' komunikazzjoni fil-Berga bejn in-nurse u t-tabib billi jahdmu f'zewg kmamar separati. Is-Sindku ssuggerixxa li jinxatara sett ta' cordless phones biex jintuzaw ghal dan il-ghan. Il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw zewg setts ta' cordless phones, wiehed ghall-berga u l-iehor ghall-Ufficcju Amministrattiv peress li dawk ezistenti huma bil-hsara.

337.2 Il-Kunsill kien mistieden ghall-quddiesa ta' l-ghaqdiet fl-okkazjoni tal-festa, nhar il-Gimgha, 15 ta' Awissu fil-knisja parrokjali.

Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke,
Mgarr, MGR 1501, Malta.
Tel : 21 520011 Fax : 21 522252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url* : ***www.mgarr.gov.mt***

337.3 Il-Vici Sindku Giovanni Gatt ppopona l-approvazzjoni tal-hlasijiet annessa ma dawn il-Minuti. Il-Kunsillier Victoria Sammut issekondat. Il-Kunsill approva l-hlasijiet unanimament.

337.4 Il-laqgha tal-Kunsill spiccat fid-8.45p.m.

337.5 Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill nhar il-Erbgha, 27 ta' Awissu 2008, fis-6.30p.m.

Christine Lewis
Segretarju Ezekuttiv

Paul Vella
Sindku